MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 97/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Daniela Lanzon**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-23 ta’ Marzu 2011, permezz ta’ liema l-Bank rikorrenti ppremetta s-segwenti:-

*“Illi l-intimata Daniela Lanzon ikkostitwiet ruhha veru, cert u likwida debitrici tal-Bank esponent permezz ta’ att ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 10 ta’ Settembru 2005 (kopja annessa u mmarkata bhala dok HSBC) fl-ammont ta’ €6,876.80 (ekwivalenti ghal LM2,952.21) rapprezentanti €6,618.47 (ekwivalenti ghal LM 2,841.31) in kwantu kapital u €258.33 (ekwivalenti ghal LM110.90) rapprezentanti*

*imghax sad-data tal-kuntratt, oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data ta' l-istess kuntratt sal-pagament effettiv.*

*Illi dan il-kuntratt gie rez esekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali datata 28 ta' Novembru 2006 (kopja annessa u mmarkata bhala DOk HSBC II).*

*Illi sa illum l-intimata debitrici tal-Bank rikorrenti fl-ammont globali ta' <u>€4, 839.46, bl-imghaxijiet ulterjuri sal- pagament effettiv</u>, rapprezentatni l-ammonti ta' €4,467.98 in kwantu capital u €371.48 in kwantu imghax sas-17 ta' Marzu 2011 fuq il-kont ta' self (rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok HSBC III) u dan qieghed jgi konfermat bil-gurament mill-Avv. Daphne Dodebier kif rikjest mill-artikolu hawn fuq imsemmi.*

*Illi mid-data tal-ittra ufficcjali sucitata lahqu ghaddew it-tliet snin preskritti mil-ligi sabiex dan it-titolu esekuttiv jigi esegwit u ghalhekk it-talba odjerna."*

Ghaldaqstant il-Bank rikorrenti talab lil din l-Qorti :-

*"joghgobha tawtorizzah sabiex ai termni tal-artikolu 258 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jezegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi.*
*Bl-ispejjez".*

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2011 dehret l-intimata assistita minn Dr. Reno Borg fejn iddikjarat li hija kienet qieghda tammetti t-talba rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li t-talba tal-Bank rikorrenti tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba tal-Bank rikorrenti w tawtorizzah sabiex ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jesegiwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi .**

**Bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------